KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta**
**Disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 6** **It-Tlieta 3 ta' Settembru 2024**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:10pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi-Sindku
Thomas De Martino – Kunsillier
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Chantelle Portelli- Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier
Anthony Agius Decelis – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Chris Grech - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Rachel Abela – Kunsillier
Andre Buhagiar- Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Buhagiar u l-Kunsilliera Portelli.

**6.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru 5**

Kien hemm qbil nem. con. illi il-Minuti numru 5 jiġu diskussi l-laqgħa li jmiss peress li ma kienx hemm biżżejjed żmien sabiex il-Kunsillieri jirrevedu id-dokumenti ppreżentati. Il-laqgħa ta' qabel, kienet biss ġimgħa qabel, u l-minuti flimkien mad-dokumenti oħra kellhom jintbagħtu ftit iktar tard mis-soltu.

18:12 Daħal għal-laqgħa il-Viċi Sindku.

Kien hemm qbil nem. con. li ssir sospensjoni tal-laqgħa sabiex jattendi l-A*ccountant* tal-Kunsill b' mod virtwali, u jippreżenta s-sitwazzjoni finanzjarja.

### 6.5.2 Sitwazzjoni finanzjarja

Il-Kunsillier Grech xtaq jimmarka illi ma kienx hemm *handover* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv preċedenti tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv u allura huwa importanti li jkun hemm laqgħa mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv, flimkien mas-Sindku preċedenti biex jiġu identifikati il-proġetti u skemi pendenti.

L-Ac*countant* beda billi jispjega li fuq dħul u infiq ta' natura rikorrenti, il-Kunsill jinsab f'defiċit ta' €374,000 minn Jannar 2024 sa Ġunju 2024. Il-Baġit tas-sena 2024 ta' dħul kien madwar €186,000, u l-Kunsill daħħal €938,000 sal-aħħar ta' Ġunju 2024, jiġifieri il-Kunsill qiegħed konformi mal-Baġit f'dan ir-rigward. Il-Baġit tas-sena 2024 ta' ħruġ, kien stmat li jintefqu €1,336,700 matul is-sena kollha. Ir-rapport finanzjarju indika li sa Ġunju 2024, laħqu intefqu €977,872. L-Ac*countant* semma li kien hemm nfiq konsiderevoli fir-*repairs and upkeep,* u *street lighting.* L-Ac*countant* semma li l-baġit ta' *other contractual services* kien allokat li jintefqu €65,000 matul is- sena 2024, u sa Ġunju 2024 intefqu €147,870. *Repairs and upkeep* intefqu kwazi €300,000 fejn il-baġit għas-sena sħiħa kien allokat €215,000. Issemma il-proġett tal-Pjazza fejn Infrastructure Malta bagħatu invoice lill-Kunsill tal-Mosta b'somma ta' €211,899.55, u kontra din l-invoice, il-Kunsill irċieva *cheque* mingħand il-Planning Authority ta' eżatt dan l-ammont. Dan iċ- *cheque* ġie mibgħut lura minħabba li l-Kunsillier Grech ma qabilx ma' dan l-ammont fi żmienu bħala Sindku. Il-Viċi Sindku semma li ma jistgħax ikun imniżżel li ser nirċievu dawn il-flejjes tal-proġett tal-Pjazza minħabba li m'hemm ebda kuntratt iffirmat, u allura l-kunsill m'għandu xejn x'juri sabiex jiġbor dawn il-flus. Il-Kunsillier Grech qal li dan il- kuntratt ser jiġi iffirmat, u għadu ma ġiex iffirmat minħabba li kellu jagħmel xi kjarifika, u la dawn jiġu ċċarati, il- kuntratt jiġi iffirmat. L-Ac*countant* semma li d-dejn għat- tieni kwart tas-sena 2024 huwa ta' €622,278.

18:42 Daħlet għal-Laqgħa il-Kunsilliera Bayliss

L-Ac*countant* semma li din is-somma ma tinkludix il-Works Orders illi għadna ma rċivejniex invoices tagħhom.

Il-membri preżenti qablu mas-sitwazzjoni finanzjarja għat- tieni kwart tas-sena 2024, bil-kundizzjoni li jekk jinsabu xi proġetti jew skemi li l-Kunsill għad irid jiġbor jew iħallas xi flejjes, dawn jiġu mnaqqsa jew miżjuda fit-tielet kwart ta' 2024.

**6.3 Komunikazzjoni**

6.3.1 Progressjoni tal- impjegata tal- Kunsill Kylie Polidano

Il-Kunsilliera qablu nem. con. li l-impjegata tal- Kunsill Kylie Polidano titla minn *notch* 4 għal *notch 5*.

**6.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal- Kunsillieri**

Ma kien hemm ebda mistoqsijiet mill- Kunsillieri.

19:05 Daħal għal- Laqgħa il-Kunsillier De Martino

**6.5.1 Onorifiċenza Ġieħ il- Mosta**

Il-Viċi Sindku nforma li l-attività ta' Jum il-Mosta ser issir nhar is-16 ta' Settembru ġewwa Ġnien l-Għarusa tal-Mosta. Il-Viċi Sindku informa li qed jsiru l- *bookings* tal-affarijiet kollha li hemm bżonn għal-Jum il-Mosta.

Inqraw l-applikazzjonijiet ta' persuni nominati għal- Onorifiċenza Ġieħ il-Mosta u Mertu l- Mosta.

<u>Lista ta' Nies nominati għal- Ġieħ il- Mosta:</u>
George Grima – Nomina valida
Angelique Lofaro – Nomina valida
Joseph Falzon – Nomina mibgħuta elettronikament, kien maqbul li in-nomina hija invalida
Angelo Dingli – Nomina valida

<u>Lista ta' Nies nominati għal- Ġieħ jew Mertu il- Mosta:</u>
Monsinjur Bartolomeo Bezzina – Nomina invalida peress li rebaħ fl-1997
Joseph Zerafa - Nomina valida
Angela Farrugia - Nomina valida
Maryann Porter - Nomina valida
Jimmy (John Mary) Bonnici - Nomina valida
Mario Bugeja - Nomina valida

Il-Kunsillieri qablu li r-regoli jiġu riveduti għas-sena d- dieħla fejn jiġu ikkunsidrati applikazzjonijiet onlajn.

Il-Viċi Sindku semma li fil-każ t'Angelo Dingli, irid ikun hemm qbil unanimu li jingħata Ġieħ il-Mosta. Il-liġi tistipula li nies li ħallewna, ma jistgħux jingħataw forma ta' rikonoxximent, sakemm jkun hemm qbil unanimu mill-membri preżenti, liema każ imbagħad ikun validu. F'dan il-każ, Angelo Dingli ser ikun jista nominat u n- nomina tiegħu tkun valida, però jirbaħ biss jekk ikun hemm votazzjoni unanima.

Kien hemm qbil unanimament li jingħataw tlett "Mertu l- Mosta", u tlett "Ġieħ il-Mosta". Il-Viċi Sindku semma r-regoli tal-votazzjoni.

Bdiet il- Votazzjoni għal- Ġieħ il- Mosta. Kien spjegat li n- nominati għandhom bżonn il- kwota 2/3 tan-numru totali ta' voti biex jintrebaħ. Wara li ntemmet il-votazzjoni, ġew msemmija Angelo Dingli, Angelique Lofaro u George Grima bħala r- rebbieħa ta' dan l- unur.

Bdiet il- Votazzjoni għal- Mertu il-Mosta. Kienu identifikati Maryanne Porter, Joseph Zerafa u Angela Farrugia bħala r- rebbieħa ta' dan l-unur.

**6.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

6.6.1 Skeda tal-Pagamenti

L-iskeda tal-pagamenti numru 153 kienu approvati.

6.6.2 *Purchase Orders*

Il-lista ta' *Purchase Orders* ġew approvati.

6.6.3 *Works Orders*

Sar enfasi, speċjalment mill-Viċi Sindku, li l-*Works Orders* irid ikollhom valur meta jiġu ppreżentati għall- approvazzjoni tal-Kunsill. Il-*Works Orders* li kienu ppreżentati ġew approvati.

**6.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fis-7:47pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal- 1 t' Ottubru 2024 fis-6:00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Joseph Gatt | Jeremy Bartolo |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |